MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1904/2001/1

**Novalabs Limited.**

**-vs-**

**Geoffrey Vella u b'digriet tal-15 ta' Frar 2002 Dr. Victor Scerri u P.L. Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Geoffrey Vella.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut kien impjegat tas-socjeta' attrici bhala Sales Director skond kuntratt ta' ingagg datat 2 ta' Jannar 1988;

Illi l-konveut iddecieda li jittermina hesrem l-impjieg tieghu maghha b'effett mill-14 ta' Dicembru 2001 skond kif jirrizulta minn ittra li huwa baghat mhux datata;

Illi per konsegwenza ta tali agir irresponsabbli da parti ta l-konvenut, is-socjeta attrici gia soffriet oltre li sejra ssofri danni sostanzjali partikolarment in vista tal-fatt li t-tmexxija tan-negozju gestit mis-socjeta attrici kemm b'mod generali u kif ukoll dak minn jum ghall-iehor kienet vestita u fdata esklussivament u interament f'idejn il-konvenut;

Illi inoltre, l-konvenut huwa responsabbli u ghandu jwiegeb legalment u pekunjarjament ukoll talli naqas li jaghti pre-avviz ta sitt xhur lis-socjeta attrici ta tali intenzjoni tieghu u dana ai termini tal-imsemmi kuntrastt ta ingagg fuq indikat.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli legalment u pekunjarjament talli agixxa in vjolazzjoni tal-kuntratt ta ingagg tieghu meta u kif ittermina l-istess;

2. Tiddikjarah responsabbli ulterjorment ghad-danni li sofriet u li sejra ssofri s-socjeta attrici per konsegwenza ta tali terminazzjoni hesrem tal-impjieg tieghu;

3. Tillikwida d-danni skond l-ewwel zewg talbiet okkorrendo permezz ta periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici d-danni kollha hekk kif likwidat.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta mandat ta inibizzjoni li gie akkordat

fit-12 ta Dicembru 2001 u bl-interessi skond il-ligi kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Joseph Mary Vella, I.D 27851(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati ipprezentata fil-25 ta' Marzu, 2002 li permezz taghha eccepixxew:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lis-socjeta' attrici taghtihom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti kuraturi deputati ipprezentata fl-4 ta' Mejju, 2004 li permezz taghha eccepixxew:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, il-konvenut Geoffrey Vella bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghal xi danni sofferti mis-socjeta' attrici;

2. Illi fil-fatt kien l-agir ta' l-istess rapprezentanti tas-socjeta' attrici illi kkawza danni u hsarat lill-istess socjeta';

3. Illi matul l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici, il-konvenut dejjem agixxa fl-ahjar interess ta' l-istess socjeta';

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li gie ordnat l-isfilz ta' l-affidavit tal-konnvenut Vella peress li ma ppresentax ruhu ghall-kontro-ezami.

Ikkunsidrat.

Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' danni li qed tallega li sofriet minhabba li l-konvenut li kien impjegat maghha, ittermina l-impjieg tieghu hesrem f'Dicembru tas-sena 2001.

Skond il-kuntratt tax-xoghol li sar fit-2 ta' Jannar, 1998 (fol 26) is-socjeta' attrici mpjegat lill-konvenut bhala *Sales Director* ghal zmien indefinit. Skond l-Artikolu 6.2 il-konvenut seta' jitlaq mill-impjieg billi jaghti avviz (*notice*) ta' sitt xhur. A fol 29 giet esebita l-ittra li permezz taghha huwa nforma lis-socjeta' attrici li ma kienx ser jibqa' fl-impjieg maghha. L-ittra m'hijiex datata izda giet indikata d-data ta' l-14 ta' Dicembru, 2001 bhala l-ahhar gurnata meta huwa kellu jibqa' jahdem ma' l-istess socjeta'. Din esebit zewg affidavits u cioe' ta' Saviour Sciberras u Joseph Mary Vella, it-tnejn diretturi tas-socjeta'. Skond Sciberras, il-konvenut kien imexxi l-kumpanija wahdu u kien l-uniku wiehed li jifhem fix-xoghol in kwistjoni. Ghalhekk meta hallihom habta u sabta sabu diffikultajiet kbar biex ikomplu jmexxu. Minn naha tieghu Vella xehed illi huma kienu jafdaw lill-konvenut mija fil-mija u ghalhekk meta qalilhom li ser jitlaq din l-ahbar kienet ta' sorpriza kbira ghalihom. Qal ukoll li ma tahomx *hand-over* u kkonferma l-prospett tad-danni li sofrew li gie esebit minn Sciberras.

Dan il-prospett (fol 58 tal-process) jindika li s-socjeta' attrici sofriet danni ta' mija u tmienja u tletin elf, mitejn u tmienja u sittin Liri Maltin (Lm138,268). Madankollu l-Qorti

thoss li hafna minn dawn it-talbiet ma gewx spjegati sodisfacentement.

Il-fatt li l-konvenut ma deherx biex jikkontesta l-kawza ma jfissirx li l-Qorti ghandha ssib soluzzjoni facli u tilqa' t-talbiet kollha ta' l-atturi.

Fil-fatt il-Qorti jidrilha illi t-talbiet immarkati bin-numru 1, 2 u 7 gew sostanzjati bix-xhieda prodotti u anke permezz tad-dokumenti esebiti izda t-talbiet l-ohra ma hemmx riferenza ghalihom imkien iehor u ghalhekk ser jigu michuda. Il-Qorti per ezempju ma tistax tilqa' t-talba ghall-imghax li l-atturi qed ihallsu lill-bank ghaliex dan ma ghandu x'jaqsam xejn ma' l-agir tal-konvenut. Ma hemm xejn fix-xhieda dwar impossibbilta' li jingabru djun minhabba nuqqas ta' dokumenti (talbiet numru 3 u 4) u f'kull kaz l-atturi kellhom kull responsabbilita' bhala diretturi li jaraw li dan ma kellux isehh u mhux iwahhlu kollox fil-konvenut. Fir-rigward tat-talbiet numru 5 u 6 ma tressqux provi sufficjenti li jikkonvincu l-Qorti u mhux bizzejjed li jkun hemm riferenza simili fil-prospett. Lanqas ma tressqu provi fir-rigward ta' l-istokk li kellu jintrema, dejjem skond il-prospett.

Kif gia' inghad fir-rigward ta' l-ewwel zewg talbiet dawn gew sufficjentement ipprovati. Fir-rigward tat-talba numru 7 l-atturi qed jitolbu l-hlas ta' sitta u hamsin elf, erba' mija u tmienja u tmenin Liri Maltin (Lm56,488) ghaliex qed jghidu li tilfu l-kummissjoni fuq perjodu ta' tlett snin. Ghalkemm mill-korrisponenza jidher li il-kuntratt intilef minhabba li l-konvenut telaq hesrem mill-impjieg, il-Qorti m'hijiex lanqas sodisfatta mill-ammont mitlub. Ghalhekk *arbitrio bonii virii* qed tillikwida din il-kummissjoni ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000).

Meta ghalhekk jinghaddu t-talbiet 1, 2 u 7 (kif ridotta) il-Qorti qed tillikwida d-danni li sofriet is-socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' u ghoxrin elf, tmien mija u erbgha u hamsin Liri Maltin (Lm27,854).

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' u ghoxrin elf, tmien mija u erbgha u hamsin Liri Maltin (Lm27,854). L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut; b'dan li provisorjament il-kuraturi ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------